MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 251/2012

Kawza fil-lista: 12

**A B C**
**vs**
**Avukat Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li permezz tad-digriet tat-22 ta' Mejju 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interesi tal-assenti D E F**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur **A B C** li permezz tieghu wara li ppremetta:

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 1999 bir-rit civili skond id-dokument anness mar-rikors;

2. Illi l-attur kellu sbatax-il sena u l-konvenuta kellha tlieta u ghoxrin sena meta zzewgu;

3. Illi fil-fatt il-konvenuta kienet gja tqila bit-tifla taghhom Anna meta zzewgu u fil-fatt Anna twieldet fit-tmintax ta' Awissu 1999 skond dokument anness u fil-fatt din kienet ir-raguni ghalfejn il-kontendenti iddecidew li jizzewgu;
4. Illi l-kontendenti damu jghixu bhala koppja mizzewga ghal ftit xhur li huma kkontrattaw iz-zwieg taghhom u z-zwieg taghhom qatt ma gie kkonsmat;

5. Illi fil-fatt xi xhur wara li l-kontendenti zzewgu, il-konvenuta telqet lejn ir-Russja sabiex tara l-familja taghha, pero' hija baqghet hemm u ma regatx giet lura Malta;

6. Illi r-relazzjoni tal-kontendenti ghalhekk sfaxxa u l-attur tela' r-Russja darbtejn sabiex jara lil-bintu u cioe' fis-sena 2001 u 2002 pero' wara dan l-konvenuta wafqet tistiednu b'mod ufficjali sabiex jkun jista' jidhol ir-Russja u b'hekk ma setax jmur izjed;

7. Illi l-attur ghadu sal-lum jibghat ammont ta' flus b'mod mensili qua manteniment ghat-tifel minuri;

8. Illi ghalhekk huwa car ukoll illi iz-zwieg taghhom jew min minnhom kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u dana hekk kif ser jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

9. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa ivvizjat ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d), (f) u 19 A tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi iddikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

11. Illi l-konvenuta hija ta' cittadinanza Russa u hekk kif jidher mis-suespost l-konvenuta telqet minn Malta b'mod definittiv u ghalhekk kontestwalment mal-prezenti l-attur qieghed jintavola rikors sabiex jigu appuntati Kuraturi Deputati sabiex jigu rapprezentati l-interessi tal-istess konvenuta assenti;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti u dana peress illi z-zwieg huwa vvizzjat ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) u/jew 19A tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Todna li din in-nullita tigi rregistrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li minn issa qeghda tigi ngunta in subizzjoni.

Rat id-digriet datat 22 ta' Mejju 2013 fejn l-Avukat Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno gew mahtura kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-Risposta tal-kuraturi illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza u hekk kif l-attur jghaddilhom kull taghrif li ghandu - l-aktar l-indirizz ta' martu D E F (li ghaliha huma nhatru biex jidhru) huma jaghmlu l-ahjar taghhom halli jaqdu dmirhom kif imiss.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-affidavits;

Semghet ix-xhieda in kontro-ezami;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kuraturi deputati;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi**

Bhala provi in sostenn tat-talba tieghu l-attur ipprezenta l-affidavit tieghu stess kif ukoll dak ta' missieru. Jispjega li kellu hmistax-il sena meta beda relazzjoni mal-intimata waqt li kienet Malta tistudja l-Ingliz; hi kellha 21 sena,. Kien mar izurha r-Russja umbaghad nizlu it-tnejn flimkien Malta sabiex tkompli tistudja. Kien hawn li l-intimata irrealizzat li nqabdet tqila u minhabba f'hekk iddecidew li jizzewwgu minkejja li kien hemm opposizzjoni mill-familjari tal-attur. Ghall-ftit zmien kienu jirresjedu mal-familja tieghu imma wara marru jghixu ghar-rashom. Matul il-hajja maritali, li damet biss 12 il-xhar, kienu jghixu ghar-rashom, jahdmu it-tnejn b'shift - b'sighat differenti - u dan sabiex ikun hemm minn joqghod mat-tarbija. Jghid: *'I can say there was hardly any relationship after the marriage.......I can say that during this period my relationship with D was a bad one. I never had a sexual relationship with D after we got married.'* Jghid li sar jaf li kien hemm terza persuna fir-relazzjoni taghhom.

Meta t-tarbija kellha disa' xhur l-intimata telqet ghall-vakanza lejn ir-Russja sabiex tivvizita lill-genituri taghha u aktar tard infurmatu permezz ta' telefonata li ser tibqa' ir-Russja. Kien mar jara lil bintu darbtejn ir-Russja fis-snin 2001 u 2002 imma umbaghad ma setghax immur ghax ma kellux Visa. Ipprova jikkuntatjaha bil-facebook imma qatt ma irrisponditu u ghalhekk inqata' kull kuntatt kemm mal-omm u kemm ma' bintu, pero jghid li baqa' jibghatilha manteniment mensili go kont tal-*Western Union*. Aktar tard sar jaf li l-intimata regghet izzewget fir-Russja.

Missier l-attur[i] xehed permezz ta' affidavit u jikkorabora dak kollu li xehed l-attur. Jikkumenta li ibnu kien ghadu zghir sabiex jizzewweg u zgur li b'hekk ma kienx jaf ghalxiex diehel u lanqas kienet taf l-intimata.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**L-Azzjoni**

L-attur qed jitlob li iz-zwieg tieghu minn mal-konvenuta jigi dikjarat null ghaliex iz-zwieg taghhom qatt ma gie kkonsmat u ukoll ghax, skond hu, il-kunsens kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga.

**Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255** jipprovdi illi:

B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tas-**sub inciz (d)** jinghad is-segwenti:

Biex l-azzjoni tirnexxi ab bazi tas-sub-inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Diskrezzjoni hija definita bhala taghrif u apprezzament ta' oggett li dwaru l-mohh jirrifletti. Taghrif biss dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, fil-veru sens tal-kelma mhux sufficenti, ghaliex jehtieg ukoll li l-persuna ikollha fakolta' ta' apprezzament / evalutazzjoni - **il-persuna trid tkun kapaci tevalwa xi jfisser zwieg**. Mhux necessarju li wiehed jifhem il-valuri u l-implikazzjonijiet kollha li jgib mieghu iz-zwieg imma almenu wiehed irid ikun konxju tal-affarijiet bazici li jinkludu id-drittijiet, id-doveri u l-obligazzjonijiet li jimporta z-zwieg. Il-persuna jrid ikollha livell sufficjenti ta' helsien psikologiku li jassigura il-fakolta' bazika tal-ghazla.

Difett serju ta' diskrezzjoni jista' jigi wkoll jimmanifesta ruhu meta persuna jkollha nuqqas ta poteri diskrezzjonali minhabba li fatturi psikologici jirrendu lil dik il-persuna inkapaci biex

tqis in-natura taz-zwieg jew tad-drittijiet u l-obbligi essenzjali marbutin maz-zwieg u konsegwentement inkapaci li taghzel liberament.

Mhux bizzejjed li l-persuna tkun matura intelletwalment imma irid ikun hemm maturita tar-rieda jigifieri abilita' li tiehu decizjonijiet responsabbli; irid ikollha fakultajiet kritici u liberta' interna biex taghzel biex tkun tista' tikuntratta zwieg validu. L-element tal-liberta huwa essenzjali fl-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg.

Gie affermat fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"**[1] illi jkun hemm d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (*ara **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10 ta' Novembru 1995)

Kif gie ritenut umbaghad fil-kawza **"Janet Portelli v. Victor Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1994) *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3)or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Fil-kawza **Tonna v Tonna** (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-31 ta' Jannar 1996 dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "*dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.*

[1] Prim' Awla – 26ta' Ottubru 2000

*B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

Tenut kont li s-sub inciz in dizamina ghandu l-gheruq tieghu fid-dritt kanoniku rilevanti li ssir referenza ghal xi awturi fir-rigward.

Kif jispjega l-Professur Diego de Caro tal-Universita ta' Ruma*: 'L-immaturita affettiva qui accennata consiste nella non raggiunta maturazione del affettivita' nell'adolescenza, periodo di transizione tra la fase di dipendenza infantile e quella di auto-sufficienza di responsabbilita' dell'adulto. Sono principalment considerati nell'affettivita' gli istinti, i sentimenti e le emozioni.'* (De Caro, D., L'immaturita' Psico-Affettiva nel Matrimonio Canonico in Bonnett)

**Bersini, F**., Fil-diritto Canonico Matrimoniale P.97 jiddeskrivi hekk din l-immaturita': "*Secondo gli psichiatri, l-immaturita affettiva si articola niw seguenti aspetti: dipendenza eccessiva nel confronti della madre e delle figure che la sostituiscono, in relazione a tale dipendenza, una incapacita' di tollerare le frustrazioni, che, qualora si verifichino, danno luogo a manifestazioni depressive caratteristiche; scarso controllo emotivo con iperespressivita' dei fenomeni affettivi, che sempre sono eccessivamente esuberanti, a carattere infantile (Crisi di collera, di lacrime, ecc.) egocentrismo; assenza abituale di ogni ansieta'. che contrasta con la gravita; apparente dei sintome; il-sintomo sembra restare separato dalla personalita."*

Ikkunsidrat.

Jirrizulta li l-attur iddecieda li jizzewweg lill-konvenuta minhabba l-fatt li l-konvenuta kienet harget tqila wara ftit li bdew jifrekwentaw lil xulxin. L-attur jispjega illi meta l-genituri tieghu saru jafu missieru wera opposizzjoni ghal dan iz-zwieg filwaqt li ommu ghamlet pressjoni sabiex jizzewgu ghaliex *'kien fl-interess ta' kullhadd'* specjalment tat-tarbija. U din il-pressjoni saret meta lanqas biss kellhom id-dar taghhom matrimonjali sabiex imorru jghixu flimkien wara iz-zwieg. Dawn il-fatturi, fil-fehma tal-Qorti, ostakolaw psikologikament l-ghazla libera tal-partijiet u irrendihom inkapaci jaghtu kunsens validu. Dan qed jinghad partikolarment fl-isfond tal-fatt illi meta l-konvenuta harget tqila mill-attur, l-attur kellu biss sbatax-il sena (17) filwaqt li l-konvenuta kellha tlieta u ghoxrien (23) sena.

Il-Qorti hi tal-fehma li mill-kwadru premess, l-attur, ghalkemm kien jaf x'inhi in-natura taz-zwieg, ma kellux il-maturita' u l-abilita' sabiex jiehu decizjoni iffurmata kif trid il-ligi u lanqas ma kellu dik il-liberta' interna biex jaghmel ghazla hielsa.

Jirrizulta wkoll sodisfacentement ippruvat illi prattikament mill-ewwel jum tat-tieg tal-partijiet ma kienx hemm hajja matrimonjali vissuta bejniethom.

F’dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tirriskontra fl-attur vizzju ta’ kunsens fis-sens illi l-kunsens tieghu kien ivvizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewweg.

Fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi mhux mehtieg li jigi trattat ukoll l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati billi:

1. Tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti celebrat fl-14 ta' Mejju 1999.

2. Tilqa’ t-tieni talba.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

---
[i] a folio 38